



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

---

**2011/2080(ACI)**

10.11.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali, biex jindirizza ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali tal-proġett ITER  
(2011/2080(ACI))

Rapporteur għal opinjoni: Amalia Sartori

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Parlament jappoġġja l-iżvilupp tal-proġett ITER, li joffri l-prospett ta' provvista kważi indefinita ta' enerġija nadifa, u għaldaqstant l-iffinanzjar tiegħu ma għandux jitwaqqaf;
  - B. billi l-proġett ITER għandu komponent Ewropew b'saħħtu b'effetti mifruxa importanti f'dak li jirrigwarda riċerka u innovazzjoni;
  - C. billi l-proġett ITER joffri opportunità ekonomika importanti għall-industrija u l-ingerinija Ewropej fil-konstruzzjoni tal-infrastruttura tal-ITER u joffri potenzjal kbir ħafna bħala qasam teknoloġiku u industrijali futur;
1. Jirrikonoxxi l-abbozz ta' deċizzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jemmen li finanzjar adegwat jeħtieġ li jiġi żgurat sabiex il-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni jiġu onorati;
  3. Ifakkar li l-oġġettivi tal-baġit tal-Unjoni għandhom ikunu ffukati fuq l-istrateġija Ewropa 2020; jinsab fundament imħasseb, li l-Intestatura 1a - li tikkontribwixxi bil-kbir għall-għanijiet tal-Ewropa 2020 - kienet taħt pressjoni baġitarja kostanti f'dawn l-aħħar snin;
  4. Jappoġġja l-idea li tintuża taħlita ta' riżorsi finanzjarji differenti, inklużi margniet disponibbli taħt intestaturi differenti tal-qafas finanzjarju multiannwali, biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji addizzjonali fuq perjodu qasir fir-rigward tal-ITER fl-2012 u l-2013;
  5. Jesprimi r-rieda tiegħu li tissolva l-kwistjoni tal-finanzjament addizzjonali meħtieġ għall-ITER sal-aħħar tal-2011 sabiex jiġi żgurat li l-istrutturi tal-UE eżistenti għall-fużjoni ma jiddgħajfux minħabba n-nuqqas ta' teħid ta' deċizzjoni;
  6. Jopponi, madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni li approprjazzjonijiet tal-baġit allokat li-Sub-programm ta' Qafas ikunu allokat mill-ġdid għall-proġett ITER; jissuġġerixxi li l-proġett ITER għandu jiġi ffinanzjat mill-marġni baġitarju li fadal;
  7. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-isplużjoni fl-ispejjeż tal-proġett ITER; jenfasizza l-ħtieġa għal ġestjoni adegwata u ppjanar finanzjarju preċiż għall-ITER; jenfasizza l-importanza u l-valur miżjud tal-proġetti eżistenti bħal JET sabiex jitwettaq xogħol sperimentali preparatorju u jsiru provi tat-teknoloġija tad-disinn ġdida li jnaqqsu l-ispejjeż fil-ġejjieni u l-iskeda taż-żmien għall-ITER; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu ċertezza u riżorsi adegwati għall-ikkompletar ta' tali proġetti; jenfasizza l-ħtieġa li l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) tkompli bl-implimentazzjoni ta' sistemi mtejba ta' ġestjoni u kontroll tal-proġetti;
  8. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-proġett ITER huwa prijorità strateġika għall-UE u għandu

impatt pożittiv b'saħħtu fuq l-attività tar-riċerka anki f'termini epistemoloġiċi, teknoloġiċi, soċjali u simboliċi; jenfasizza l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi għal bini mill-ġdid ta' livelli ta' kontinġenza adegwati biex jiġu kkunsidrati r-riskji finanzjarji inerenti fil-kumplessità teknoloġika tal-ITER;

9. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-proġetti ta' riċerka b'riskju u rendiment kbar bħalma huwa l-ITER huma essenzjali għall-progress fil-qasam tar-riċerka u t-teknoloġija u ma jistgħux jiġu evalwati fuq kriterji finanzjarji biss;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress miksub bl-implimentazzjoni tal-pjan għat-trażżin tal-ispejjeż u t-tfaddil u dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-F4E; jistaqsi jekk ir-rekwiżiti ta' ħlasijiet addizzjonali, kif stmati oriġinarjament mill-Kummissjoni, għadhomx validi;
11. Jiltlob komunikazzjoni effikaċi ulterjuri bejn il-kumitati kompetenti meta jkunu qegħdin jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji tal-proġett ITER; jirriserva d-dritt li jressaq sussegwentement, jekk neċessarju, suġġerimenti addizzjonali dwar din il-kwistjoni fil-forma ta' ittra.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.11.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 6 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Ioan Enciu, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hélin, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan Cizelj, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Michael Theurer, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Antonio Cancian, Jolanta Emilia Hibner, Gunnar Hökmark, Yannick Jadot, Ivailo Kalfin, Bernd Lange, Werner Langen, Markus Pieper, Mario Pirillo, Hannes Swoboda, Silvia-Adriana Țicău

